MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 39 – 3 Kumitat**

**Il-Ħamis 10 ta' Settembru, 2020**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, fil-5.30pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Renald Falzon |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillier Birżebbuġa | Is-Sur Sandro Alexander Caruana |
| Sindku Ħal Luqa | Is-Sur John Schembri |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |

| | |
|---|---|
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |

UFFIĊJAL PREŻENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

### 39.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

39.1.1 Il-President qara l-ittri tal-apoloġiji tas-Sindku tal-Ħamrun u s-Sindku ta' Ħal Safi fejn taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jiġu skużati.

39.1.2 Il-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

39.1.3 Il-President qal li rċieva telefonata mis-Sindku tal-Gudja u għalkemm ma bagħtitx ittra ta' apoloġija minn qabel talbet li tiġi skużata minħabba mewt fil-familja.

39.1.4 Il-Membri preżenti qablu li f'dan il-każ għandhom jaċċettaw l-apoloġija tas-Sindku tal-Gudja.

### 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

39.2.1 Il-President ressaq il-minuti tat-tmienja u tletin (38) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

39.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sur Omar Farrugia, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 39.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Festa Nar 2020**

39.3.1 Il-President qal li kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, Festa Nar 2020 kellha tiġi mħassra minħabba miżuri mħabbra mill-Awtorità tas-Saħħa wara li bdew jiżdiedu l-każi ta' persuni pożittivi għall-virus tal-Covid-19.

**- Apprezzament lil dawk li riċentament għamlu ġieħ lil-lokalitajiet fir-Reġjun**

39.3.2 Il-President faħħar u wera apprezzament lit-tim tar-regatta ta' Birżebbuġa għar-rebħ tax-shield fil-Kategorija B tar-Regatta tat-8 ta' Settembru 2020. Hu wera apprezzament ukoll lejn is-Sa Anthea Zammit minn Ħaż-Żebbuġ li ġiet inkurunata bit-titlu ta' Miss Universe Malta 2020 kif ukoll lis-Sa Madeline Baldacchino mill-Qrendi li klassifikat fit-tieni post fl-istess kompetizzjoni.

**- Skemi ta' fondi mir-Reġjun li għadhom ma sarux talbiet ta' rifużjoni għalihom**

39.3.3 Il-President informa li dawk l-iskemi ta' fondi mir-Reġjun mill-2019 u jmorru lura sal-2012 li għad ma sarux talbiet għalihom mill-Kunsilli Lokali mhumiex se jibqgħu fis-seħħ wara l-aħħar ta' Settembru 2021. Hu qal li hemm uħud mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun li mhumiex qed jieħdu interess biex jutilizzaw dawn il-fondi bir-riżultat li qed iżommu lil dawk li qed juru impenn u qed jaħdmu b'mod effettiv. Dawn ukoll qed iżommu lir-Reġjun milli jimplimenta proġetti b'għajnuniet ġodda kif ukoll qed joħolqu tfixkil fix-xogħol tal-awditjar. Għaldaqstant hemm bżonn li tittieħed din il-miżura ħalli nżommu ritmu tajjeb u nimxu mal-pjan ta' ħidma li għandna mfassal għall-ġid tal-komunitajiet tagħna. Il-President saħaq ukoll li dawk il-lokalitajiet li wara r-riforma ma jibqgħux jiffurmaw parti minn Reġjun Nofsinhar mhumiex se jkunu jistgħu jutilizzaw il-fondi li jkun għad baqgħalhom pendenti.

39.3.4 **- Għajnuna professjonali mill-Kunsill Reġjonali lill-Kunsilli Lokali**

Il-President irrefera għall-kummenti miktuba fuq mezzi tas-social media mis-Sindku tal-Ħamrun fejn wera tħassib dwar illegalitajiet li qed isiru minn barranin fil-lokalità. Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu kif l-awtoritajiet mhux qed juru interess u jieħdu passi. Dawn il-kummenti ma ntlaqgħux bl-istess mod mill-pubbliku inġenerali għax kien hemm min qal li dawn kienu kummenti razzjali. F'dan ir-rigward, il-President qal li hu jifhem l-uġigħ u l-frustrazzjoni li jiffaċċjaw diversi Kunsilli Lokali meta jiġu biex jiddiskutu l-isfidi fil-lokalità tagħhom ma' entitajiet governattivi. Għaldaqstant, fakkar li l-Kunsill Reġjonali dejjem hu disponibbli biex jagħti l-għajnuna tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' assistenza lill-Kunsilli Lokali u koordinazzjoni ma' entitajiet governattivi.

39.3.5 Is-Sur John Schembri skuża ruħu u ħareġ mill-kamra fis-5.50 pm.

39.3.6 **- Aġġornament fuq is-sejħiet pubbliċi maħruġa mir-Reġjun**

Il-President informa li minbarra s-sejħa għall-kuntratt tal-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq li qegħda mniżżla fl-Aġenda ta' din il-laqgħa, ir-Reġjun għandu żewġ sejħiet oħra li qed jiġu pproċessati. Fil-fatt is-sejħa tal-perit għar-Reġjun issa ntemmet u l-Perit William Lewis se jkun qed jiffirma l-kuntratt fil-jiem li ġejjin.

39.3.7 Il-President ħabbar ukoll li għada stess se tkun qed tinfetaħ is-sejħa għall-kuntratt tar-restawr tal-faċċata tal-bini amministrattiv tar-Reġjun. Fil-laqgħa li jmiss se jkunu qed jingħataw aktar dettalji fuq l-andament din is-sejħa.

**- Kummenti**

39.3.8 Fil-ħin riservat għall-kummenti, is-Sur David Michael Schembri qal li jinsab diżappuntat kif ċertu skemi mill-Ministeru qed joħorġu mingħajr ma ssir ebda konsultazzjoni u mingħajr ma tingħata biżżejjed informazzjoni lill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli Lokali qed isiru jafu b'dawn l-iskemi permezz tal-media u meta jippruvaw jindagaw fuqhom ma jsibu l-ebda informazzjoni aċċessibbli.

39.3.9 Il-Membri preżenti qablu mas-Sur David Michael Schembri.

39.3.10 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali biex jekk hemm xi mod kif il-Kunsill Reġjonali jista' jkun ta' għajnuna biex titwassal din l-informazzjoni lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu, huwa lest li jagħmel dan.

## 39.4 Skeda ta' Pagamenti;

39.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 09/20A-1 u 09/20B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

39.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Renald Falzon u ssekondata mis-Sa Rita Grima, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 39.5 Aġġornament fuq is-Sejħa Pubblika għal Kuntratt tal-Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq;

39.5.1 Il-President irrimarka li matul din il-ġimgħa għalqet id-data għall-offerti pubbliċi għal dan il-kuntratt u ġiet miftuħa s-sejħa. Instab li kuntrattur wieħed biss tefa' l-offerta tiegħu u nstab li hija ogħla mill-istima pprovduta fis-sejħa. Għaldaqstant, il-Bord tal-Evalwazzjoni talab direzzjoni mill-Membri jekk jipproċedix bl-evalwazzjoni jew iwaqqax is-sejħa. Il-President fakkar li għalkemm l-istima ntefgħet skont in-nefqa tal-lokalitajiet matul is-sena li għaddiet, fid-dokument tas-sejħa ntalab isir xogħol ieħor fosthom dik tal-identifikazzjoni u n-numerazzjoni tad-dwal kollha fil-lokalità li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u l-ispiża ta' dan l-eżerċizzju ma ġietx ikkunsidrata.

39.5.2 Is-Sur Terence Agius qal li mhux se jkun qed issir differenza jekk tiġi kkanċellata s-sejħa u terġa' toħroġ oħra mill-ġdid għax f'dan is-settur dejjem operatur wieħed qed juri interess

u mhux se jkun hemm tibdil fil-prezz. Nispiċċaw biex inkunu qed intawlu l-proċess għalxejn għax se nibqgħu fejn inkunu u jkun qed jinħela ż-żmien.

39.5.3 Is-Sur Renald Falzon qal li l-aktar ħaġa importanti hi li l-kuntrattur irid jagħti servizz ta' kwalità kif mitlub inkella jiġi mwaqqaf.

39.5.4 Il-President fakkar ukoll li l-kuntratt jintemm fi żmien sena bil-possibiltà li jista' jiġġedded sa massimu ta' erba' snin, għaldaqstant il-kuntrattur se jkun kontinwament taħt osservazzjoni kemm mill-Kunsill Reġjonali kif ukoll mill-Kunsilli Lokali rispettivi biex jaraw li qed jinżamm servizz ta' kwalità u li l-kriterji mitluba fil-kuntratt qed jiġu osservati.

39.5.5 Wara li ġew evalwati l-punti kollha, fuq mozzjoni tal-President u ssekondata mis-Sur Terence Agius, il-Membri approvaw li jħallu lill-Bord tal-Evalwaturi jkomplu bil-proċess tal-evalwazzjoni. Fil-laqgħa li jmiss għandha titressaq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord biex terġa' tiġi diskussa għall-approvazzjoni tal-Membri.

## 39.6 Applikazzjoni għall-Kompetizzjoni ta' Miżuri ta' Mobiltà Sostenibbli minn Transport Malta;

39.6.1 Il-President ressaq proposta għal miżuri ta' mobiltà sostenibbli biex fuqha ssir applikazzjoni mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għall-kompetizzjoni mnedija minn Transport Malta. Hu ta deskrizzjoni ta' din il-proposta. Wara talab lis-Segretarju Eżekuttiv ifiehem lill-Membri kif se jkun qed jaħdem dan il-proġett.

39.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega ta' kif se jkun qed jaħdem dan il-proġett u semma' entitajiet u msieħba oħrajn li se jkunu qed jikkollaboraw mar-Reġjun biex jagħmlu dan il-proġett possibbli f'każ li jintagħżel mill-Bord tal-għażla.

39.6.3 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposta u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv jipproċedi bl-applikazzjoni.

## 39.7 Aġġornament fuq il-Proġett tal-Istrateġija Kulturali tar-Reġjun;

39.7.1 Il-President informa li wara ħafna korrispondenzi u telefonati tlaħaq qbil bejn il-Kunsill Reġjonali, l-organizzaturi u l-kollaboraturi tal-proġett biex issa dan jista' jitkompla kif ippjanat. Fil-fatt matul il-jiem li għaddew il-Kunsill Reġjonali rċieva r-rifużjoni tas-somma kollha li ħareġ għall-forum u l-workshops li tammonta għal 1,200 ewro, minkejja li l-ftehim kien li l-massimu tar-rifużjoni ma jaqbiżx l-1,000 ewro. Il-Kunsill Malti għall-Arti ġentilment offra li jkopri l-ispejjeż marbutin mat-taħriġ li se jkun qed jingħata lis-Segretarji Eżekuttivi fil-jiem li ġejjin.

## 39.8 Affarijiet oħra;

**- Proġett Art 4 All 2021**

39.8.1 Il-President ressaq proposta ta' proġett ġdid fil-qasam soċjali bil-kollaborazzjoni ta' Wotart u erba' professjonisti minn oqsma differenti. Dan il-proġett hemm il-ħsieb li jiġi varat is-sena d-dieħla u se jkun qed jagħti għajnuna lil numru limitat ta' tfal ta' età bejn il-11 u l-15-il sena li jkunu għaddejjin minn problemi soċjali u emozzjonali. Il-President ta dettalji tan-nefqa għal dan il-proġett u kif se jkun qed jaħdem. Aktar 'il quddiem, il-koordinatur ta' dan il-proġett se jkun qed jattendi f'waħda mil-laqgħat u jagħti aktar dettalji u anke jirrispondi għal xi mistoqsijiet mill-Membri.

39.8.2 Il-Membri preżenti unanimament qablu li dan il-proġett jiddaħħal fil-pjan ta' ħidma għas-sena li ġejja u qablu li l-koordinatur ikun preżenti f'waħda mil-laqgħat biex jagħti aktar dettalji fuq il-proġett.

**-Nominazzjoni għall-Premju Anzjanità Attiva 2020 fil-Kultura**

39.8.3 Il-President ressaq proposta biex il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jinnomina lis-Sur Max Farrugia għall-Premju Anzjanità Attiva fil-qasam tal-kultura. Is-Sur Max Farrugia kien ir-riċerkatur u kittieb tal-ktieb ippubblikat mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar 'Id-Devozzjoni u l-Kult Marjan fir-Reġjun tan-Nofsinhar. Hu jippreżenta diversi programmi kulturali fuq stazzjonijiet televiżivi, jorganizza mixjiet kulturali, jikteb artikli kulturali f'diversi kotba tal-festi lokali u jagħti kontribut siewi lir-Reġjun fil-qasam kulturali b'mod volontarju.

39.8.4 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposta tal-President.

**-Nominazzjoni għall-Premju Soċjetà Ġusta 2020**

39.8.5 Il-President ressaq proposta biex il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jinnomina lil Jake Vella għall-Premju Soċjetà Ġusta fil-qasam tal-isport. Jake Vella kien ir-rebbieħ tal-Premju Qasam Soċjali tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar tas-sena li għaddiet. Jake, għalkemm ibati minn kundizzjoni ta' saħħa li hija rari u taffettwalu l-piż tiegħu għażel li jipprattika l-isports biex jiġġieled din il-kundizzjoni. L-għemil tiegħu kien ta' ispirazzjoni għal ħafna oħrajn li kienu qatgħu qalbhom mill-ħajja minħabba l-kundizzjoni tagħhom. Jake bħalissa hu l-ambaxxatur ta' Sport Malta.

39.8.6 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposta tal-President.

**-Skema ta' għajnuna finanzjarja għal installar ta' CCTV cameras**

39.8.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta mibgħuta mill-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija biex jiġu installati CCTV cameras fi tliet siti fil-lokalità u jibbenefikaw mill-iskema ta' għajnuna mir-Reġjun.

39.8.8 Is-Sa Charmaine St. John spjegat l-għan ta' dawn il-cameras u l-post fejn ġew installati dawn il-cameras ftit tal-jiem ilu.

39.8.9 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposta.

39.8.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta mibgħuta mis-Sindku tal-Qrendi biex jiġu installati CCTV cameras fi tliet siti fil-lokalità u jibbenefikaw mill-iskema ta' għajnuna mir-Reġjun.

39.8.11 Is-Sur David Michael Schembri spjega l-għan u l-post fejn se jkunu qed jiġu installati dawn il-cameras.

39.8.12 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposta mressqa mis-Sindku tal-Qrendi.

39.8.13 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa biex jiġu installati numru ta' CCTV cameras fil-lokalità u jibbenefikaw mill-iskema ta' għajnuna mir-Reġjun.

39.8.14 Is-Sur Sandro Alexander Caruana spjega l-għan u l-post fejn se jkunu qed jiġu installati dawn il-cameras.

39.8.15 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposta tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa.

39.8.16 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta mibgħuta mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi biex jiġu installati numru ta' CCTV cameras fil-lokalità u jibbenefikaw mill-iskema ta' għajnuna mir-Reġjun.

39.8.17 Il-Membri preżenti talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jerġa' jressaqha fil-laqgħa li jmiss minħabba li ma kien hemm l-ebda Membru jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

39.8.18 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Ħamrun biex jinstalla numru ta' CCTV cameras fil-lokalità u jibbenefika mill-iskema ta' għajnuna mir-Reġjun.

39.8.19 Il-Membri preżenti talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jerġa' jressaq il-proposta fil-laqgħa li jmiss minħabba li ma kien hemm l-ebda Membru jirrappreżenta lil-lokalità tal-Ħamrun.

## 39.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

39.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.09 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 01 ta' Ottubru 2020 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina — Philip Carabott

President — Segretarju Eżekuttiv